

# Kif Jaħsbuha?

Kien madwar disa' snin ilu li ġie mwaqqaf il-Kor ta' l-Għaqda Mużikali Imperial. L-għan ewlieni tiegħu huwa li jieħu sehem attiv fl-attivitajiet mużikali organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial. Minn bidu modest grazzi għal ħidma bla qies mis-Surmast Anthony Borg flimkien maż-żewġ diretturi li kellu l-Kor is-Sur Mark Anthony Cachia Sammut u mid-direttur attwali s-Sinjura Shirley Helleur, flimkien ma' l-impenn, is-sagrifiċċju u d-dedikazzjoni li wrew matul is-snin il-membri ta' dan il-Kor, nistgħu ngħidu li l-Kor Imperial kabbar l-attività qatigħ matul dawn is-snin. Imma wara kollox kif jaħsbuha l-membri tal-Kor dwar il-Kant u dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Kor Imperial?

## Marianne Sammut

Marianne Sammut hija mill-gżira Għawdxija u llum iżżewġet u tgħix il-Mellieħa. Bil-parteċipazzjoni tagħha fil-Kor Marianne għamlet ħbieb ġodda u fl-istess waqt kompliet tkattar l-aprezzament tagħha lejn l-arti mużikali.

## Odette Zammit

Minbarra li tħobb tkanta Odette hija kuntenta li tagħmel parti mill-Kor. Minbarra l-element mużikali, Odette tħoss li l-Kor għandu wkoll funzjoni soċjali għaliex huwa mezz biex tirrikreja ruħek, taqta' mir-rutina tad-dar u tkun fil-kumpanija tal-ħbieb tagħha.

## Mariella Barbara

Mariella ssostni li bil-pateċipazzjoni tagħha fil-Kor, ingħatat l-opportunità li tkabbar il-ħiliet tagħha fil-kant. Għalkemm tħoss li huwa ta' sagrifffiċċju biex tattendi għall-provi b'mod regolari, hija sodisfatta li qed tipparteċipa b'mod attiv fil-Kor ta' l-Għaqda li hi tant għandha għal qalbha. Tapprezza ħafna l-attendenza ta' l-udjenza waqt il-kunċerti u l-appoġġ kontinwu mid-diriġenti tas-Soċjetà.

## Doris Tonna

Doris tħoss li l-kant huwa passatemp mill-isbaħ, basta jittieħed bis-serjetà. Il-parteċipazzjoni tagħha fil-Kor isservi ta' żvog għaliha. Il-kant jagħmilha kuntenta u b'hekk igawdu wkoll dawk ta' madwarha.

## Josianne Borg

Josianne tgħid li tkanta fil-Kor għaliex l-ewwelnett tieħu gost u barra minn hekk tħoss li l-vuċi tagħha tippromettì. Ikollha seba' mitt sena biex



tattendi l-provi u l-kunċerti għaliex tħoss li l-Kor sar parti mir-rutina tal-ħajja tagħha.

### Marianne Quattromani

Mariane tħoss li l-pateċipazzjoni tagħha fil-Kor kompliet żiedet fiha aktar dixxipplina. Tgħid li l-kant huwa wkoll mezz ta' edukazzjoni u fl-istess waqt huwa wkoll terrapija. Meta tkanta tinsa u twarrab fil-ġenb il-problemi tal-ħajja ta' kuljum.

### Yvonne Borg

Minbarra li tkanta Yvonne ddoqq ukoll il-kitarra. Il-kant tħobbu ħafna u ma titlifx okkażjoni waħda. Il-kant huwa l-aqwa passatemp li għandha u tkanta b'entużjażmu liema bħalu.

### Marisa Sammut

Marisa tgħid li l-kant huwa nofs ħajjitha. Tkanta kemm fil-Kor u kemm bħala solista. Tħobb tkanta ħafna l-aktar il-kant tradizzjonali Malti. Il-kant jagħmilha ħafna kuntenta u jgħolli wkoll il-moral tagħha.

### Carmen Schembri

Carmen tħossha ħafna kuntenta li hija parti mill-Kor. Tħoss li tkun membru f'organizzazzjoni jew f'għaqda bħalma huwa tal-Kor ifisser impenn imma joffri wkoll ħafna sodisfazzjon. Tħares lejn il-kant bħala mezz ta' edukazzjoni.

### Joanne Vella

Minbarra li tieħu gost tkanta, għal Joanne l-kant huwa mezz kif taqta' mir-rutina normali tal-ħajja. Permezz tal-kant Joanne tgħid li għamlet ħbieb ġodda.

### Ruth Borg

Għal Ruth il-Kor joffri sfida. Mhux dejjem ikun faċli li tasal għal-livell mitlub minnek. Tħossha kuntenta ħafna meta tegħleb kull diffikultà u twettaq dak li jkun mistenni minnha.

### Chiara Quattromani

Chiara ġejja minn familja b'ambjent mużikali. Għalkemm tħobb tkanta, permezz tal-Kor hija għamlet ħbieb ġodda u tħossha aktar kunfindenti f'dak kollu li tagħmel.

### Marvic Battistino

Peress li ma tgħix l-Imġarr, bħala membru tal-Kor għal Marvic ifisser ukoll sagrifiċċju speċjalment fil-jiem tax-xitwa. Hija tħobb tkanta u kuntenta ħafna li qed tagħti kontribut lill-Għaqda li trabbiet fiha.

### Melita Vella

Melita temmen li kull min għandu x'joffri għandu l-obbligu li jaqsmu ma' l-oħrajn. Meta tkanta tħossha ferħana u kuntenta għax permezz tal-kant tesprimi ruħha.

### Cecilia Sammut

Cecilia hija l-aktar mara anzjana fil-Kor. Il-kant huwa forma oħra t'espressjoni. Bħala membru tal-Kor, għal Cecilia l-akbar sfida hi li nifhmu l-messaġġ tal-kompożitur u ta' l-awtur biex inkunu kapaċi bħala kor inwassluh lil ħaddieħor.


Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial


HB MOTORS
Vehicle Repairs & Services
Tel: 21 520429
Mob: 9986 8092
20, Triq il-Għasel, Mellieħa
Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha